**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 404/2022 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2022 in segwitu tal-Ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1356/2021 fl-ismijiet:**

**Rita Law**

**vs.**

**John Grech**

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent is-sekwestrat John Grech (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2022 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed iressaq dan ir-rikors sabiex umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka dan l-att kawtelatorju*

*maħruġ fil-konfront tiegħu limitatament għall-fidi taż-żewġ iċ-ċnus u l-penzjoni tal-eta' u dan stante li fl-umli fehma tiegħu ċ-ċirkostanzi tal-każ jimmeritaw illi l-mandat kawtelatorju de quo jiġi revokat u dan għar-raġunijiet premessi kif ser jiġi ulterjorment spjegat fejn hemm ai termini tal-Artikolu 836(1): (b) Nuqqas ta' ħtieġa tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju a tenur tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn l-anqas biss hemm ness prima facie bejn il-pretensjonijiet tas-sekwestrant u l-esponent personalment; (ċ) Hemm mezzi oħra li jistgħu jikkawtelaw għal drittijiet prima facie (d) Huwa ċar li in vista ta' dak kollu suespost, mhuwiex raġjonevoli u/jew ġustifikabbli li s-sekwestru kawtelatorju jibqa' fis-seħħ fil-konfront tal-esponent, u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(f). Illi tant mhuwiex raġjonevoli u/jew ġustifikabbli li s-sekwestru kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, li jissussistu wkoll diversi ċirkostanzi aggravanti li abbażi tagħhom din il-Qorti tista' timponi penali fuq is-sekwestrant. Illi għal dawn il-motivi dan il-mandat kawtelatorju għandu jiġi revokat.*

*Tant l-esponenti jissottometti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti".*

Rat id-Digriet tagħha tal-25 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 22) fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimata Rita Law li ġiet mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li tixtieq tippreżenta.

Rat ir-Risposta tal-intimata s-sekwestranta Rita Law (*a fol.* 23 *et seq.*) ippreżentata fit-8 ta' Ġunju 2022 fejn oġġezzjonat għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1356/2021 fl-ismijiet **Rita Law vs. John Grech** u rat ukoll l-atti tar-Rikors bin-Numru 1028/2021 liema Rikors ġie degretat kameralment minn din il-Qorti fid-19 ta' Novembru 2021.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fid-29 ta' Marzu 2022 Emanuel Parascandolo u Josephine Hilda Parascandolo fdew permezz ta' Ċedola ta' Depożitu (*a fol.* 3 *et seq.*) ċens fuq il-fond bin-numru 105, li jinsab fi Triq il-Karmelitani, Fgura;

- fid-29 ta' Marzu 2022 Saviour Buhagiar u Mary Jane Buhagiar fdew permezz ta' Ċedola ta' Depożitu (*a fol.* 14 *et seq.*) ċens fuq il-fond bin-numru 101, 'Cor Jesu', li jinsab fi Triq il-Karmelitani, Fgura;

- ir-rikorrent John Grech ressaq ilmenti li huma simili għal dawk li kien ressaq fir-Rikors bin-Numru 1028/2021 li ġie degretat kameralment minn din il-Qorti fid-19 ta' Novembru 2021 fejn din id-darba żied ilment relatat mal-flus depożitati fl-atti taċ-Ċedoli ta' Depożitu hawn fuq imsemmija u li jidher li nqabdu minħabba l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo ossia* dak bin-Numru 1356/2021 fl-ismijiet **Rita Law vs. John Grech**.

Illi għall-kompletezza għandu jingħad li mir-Rikors bin-Numru 1028/2021 hawn fuq imsemmi jirriżulta li l-partijiet għandhom disputa rigward porzjon art li tinsab fil-Fgura, f'liema Rikors ir-rikorrent kien ilmenta li:

- kienet qed tinqabad il-pensjoni tiegħu;
- waħda mill-ħtiġijiet għal ħruġ tal-mandat ma għadhiex teżisti;
- hemm garanzija xierqa oħra;
- mhux ġustifikabbli/raġonevoli li l-mandat jibqa' fis-seħħ;
- il-mandat qed jaffettwa kemm in-negozju tiegħu kif ukoll il-familjari tiegħu li jiddependu mill-qligħ tiegħu.

Da parte tagħha, l-intimata Law wieġbet li ma ssemmiet l-ebda garanzija jew proprjeta' li tista' tagħmel tajjeb għall-kreditu pretiż u li ma ġiex spjegat mir-rikorrent għalfejn għandu japplika xi wieħed mis-sub-artikoli ta' Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tisħaq li r-Rikors promutur fih biss asserzjonijiet gratuwiti mingħajr l-ebda tentattiv sabiex jiġu sostnuti u li l-fatt li

ġew depożitati xi flus ma jfissirx li l-Mandat ta' Sekwestru *de quo* jiġi revokat sabiex il-flus depożitati jingħataw lir-rikorrent sekwestrat.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi dan il-ħsieb ġie kkonfermat f'numru ta' provvedimenti mogħtija mill-Qrati tagħna inkluż fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Numru 336/2005), fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."

Illi permezz ta' dan ir-Rikors ir-rikorrent jitlob li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* jiġi revokat *in parte* fir-rigward taż-żewġ ċnus u l-pensjoni tal-eta' u dana *ai termini* ta' Artikoli 836(1)(b), (ċ), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan ir-rikorrent John Grech jitlob li l-Qorti timponi penali fuq l-intimata Rita Law.

<u>Il-Pensjoni</u>

Illi l-argument relatat mal-pensjoni huwa maqsum f'żewġ fergħat: filwaqt li l-ewwel fergħa torbot ma' l-applikazzjoni ta' Artikolu 381(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-tieni fergħa torbot

ma' l-applikazzjoni ta' Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-Qorti sejra tixtarrhom separatament.

Artikolu 381(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Artikolu 381(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dwar il-fatt li l-pensjoni tiegħu qed tiġi maqbuda minħabba l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*.

Illi fil-fehma tal-Qorti dak li jista' jkun qed iseħħ huwa li meta l-pensjoni titħallas fil-kont bankarju tar-rikorrent, din qed titħallat ma' introjtu ieħor u depożiti oħra tar-rikorrent u b'hekk il-pensjoni titlef in-natura tagħha ta' pensjoni b'dana illi l-iffriżar ta' dawn il-fondi huwa għalhekk ġustifikat.

Illi dan ir-raġunament jinsab rifless ukoll fil-provvediment mogħti fid-19 ta' Ottubru 2021 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1221/2021 fl-ismijiet HSBC Malta plc vs. Joseph Dimech et** (Numru 913/2021), fejn il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "20. Regola oħra importanti li wieħed irid iżomm f'moħħu hija li jekk il-flejjes li jkunu ġejjin mill-pensjoni jew mill-benefiċċju soċjali jispiċċaw jitħalltu ma' flejjes oħra f'kont bankarju li jkollu d-debitur, allura hemm il-possibilita' li dawn jitilfu l-karattru oriġinali tagħhom ta' pensjoni jew benefiċċju għaliex dawn jidħlu jagħmlu parti mill-assi li jkun hemm f'dak il-kont u b'hekk wieħed ma jkunx jista' jagħraf aktar liema huma dawk il-flejjes li ġejjin mill-pensjoni u liema huma dawk il-flejjes li jkunu ġew imfaddla mill-esekutat (ara ***Bank of Valletta plc vs. Emanuel Żammit et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2017 u ***Bank of Valletta plc vs. Edward Pace Balzan et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2017). Darba li jsir id-depożitu tal-pensjoni fil-kont bankarju, dak id-depożitu li jkun ġej minn pensjoni jew benefiċċju soċjali jista' jitlef in-natura tiegħu ta' pensjoni jew benefiċċju soċjali għal dak li jirrigwarda provenjenza, u jsir depożitu bankarju;

21. Dan kollu jinsab imfisser b'mod tajjeb ħafna mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni **Tabib Prinċipali tal-Gvern vs. Hazel Pannel** mogħtija fis-27 ta' Marzu 2009,

> *"L-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru kkolpixxa f'dan il-każ il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depożitati fih u, allura, strettament l-Artikolu 381 tal-liġi ma jistax lanqas ikollu applikabilita'. Li kieku kellu jiġi raġunat mod ieħor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jiġi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depożiti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes oħra għal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan ċertament mhux dak li tgħid jew trid il-liġi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depożiti bankarji, hu x'inhu s-sors tagħhom".*"

Għaldaqstant, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq u fid-dawl tal-ġurisprudenza kwotata, il-Qorti ser tiċħad din il-parti mit-talba tar-rikorrent.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina t-talbiet l-oħra tar-rikorrent John Grech waħda waħda b'dan illi l-Qorti tippreċiża li l-konsiderazzjonijiet tagħha ser ikunu japplikaw kemm fir-rigward taċ-ċnus kif ukoll fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-rikorrent dwar il-pensjoni.

<u>Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Waħda mill-ħtiġiet ma tkunx għadha fil-fatt teżisti)</u>:

Illi Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti."

Illi mid-diċitura ta' din id-dispożizzjoni tal-Liġi jirriżulta li sabiex ilment ibbażat fuq din id-dispożizzjoni jintlaqa' irid ikun hemm

bidla fil-fatti jew fiċ-ċirkostanzi li minħabba fihom kien meħtieġ li jinħareġ il-mandat in kwistjoni. Dan il-ħsieb huwa rifless f'diversi insenjamenti mogħtija mill-Qrati tagħna b'dan illi l-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment fl-ismijiet **Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Numru 336/2005), li diġa' sar riferenza għalih aktar 'il fuq, fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li r-rikorrent qiegħed isejjes l-ilment tiegħu fuq il-fatt li l-mandat ma messux inħareġ jew ġie eżegwit fuq dak il-kont bankarju li fih qiegħed jiġi akkreditat l-ammont ta' pensjoni li huwa qiegħed jirċievi minn barra l-pajjiż. Bir-rispett kollu, dik ir-raġuni ma tistax issejjes kif imiss il-kawżali taħt l-Artikolu 836(1)(b). Fi kliem dik id-dispożizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-mandat jibqa' fis-seħħ[1]. F'dan il-każ, bl-ebda mod ma ntwera li kien hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi. Għall-kuntrarju, l-argument tar-rikorrent jimplika li qatt ma messu nħareġ il-mandat fuq il-kont fejn ġiet sekwestrata l-pensjoni tiegħu." [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti tinnota li tinsab kemmxejn perplessa dwar ir-Rikors in kwistjoni minħabba li minn qari akkurat tiegħu ma hemmx indikazzjoni ta' x'inhi l-ħtieġa li ma għadhiex teżisti. L-uniċi affarijiet li jgħid ir-rikorrent huwa li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* ġie ntavolat b'mod kapriċċuż u li talab lill-intimata sabiex ikun jista' jiżbanka l-flus li ġew depożitati sussegwentement għal fidi taċ-ċnus imsemmija aktar 'il fuq u li hija rrifjutat. Dan qajla jekwivali għal argument u żgur ma jissodisfax

[1] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Tonio Fenech noe vs. Avukat Patrick Spiteri pro et noe**.

id-dettami ta' Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrent jisħaq li ma hemmx riskju li mhux sejjer iħallas lill-intimata fil-każ li hija tirbaħ il-kawża tagħha. Dwar dan il-Qorti tinnota li dak li għadu kemm ingħad ma ġie ssostanzjat bl-ebda prova.

Għaldaqstant sa fejn it-talba tar-rikorrent hija msejsa fuq Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda.

<u>Artikoli 836(1)(ċ) u (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>
<u>(Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju)</u>
<u>(Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed)</u>
Illi r-rikorrent ma jispjegax taħt liema sub-artikolu qed iressaq din it-talba għalkemm hemm indikazzjoni li jista' jkun qed jirreferi għal Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja dan, minħabba li m'huwiex ċar eżatt taħt liema sub-artikolu qed iressaq din it-talba u ġialadarba pretensjoni bħal din tista' tissellef sabiex titressaq taħt Artikolu 836(1)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ser tistħarreġ dan l-ilment taħt Artikoli 836(1)(ċ) u 836(1)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi sabiex isostni l-pożizzjoni tiegħu r-rikorrent jgħid li żgur ma hemm l-ebda riskju li f'każ li l-intimata tirbaħ il-każ tagħha huwa mhux sejjer iħallas dak dovut. Fir-Rikors tiegħu, ir-rikorrent iżid jgħid li l-assi tiegħu huma magħrufa u li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* qed jagħmel ħsara lin-negozju tiegħu.

Illi filwaqt li l-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti minnha stess fl-istess ismijiet ta' dan il-provvediment, liema provvediment għandu n-Numru 1028/2021 u li ngħata fid-19 ta' Novembru 2021, il-Qorti tinnota li l-argumenti mressqa mir-rikorrent John Grech f'dak il-provvediment huma kopja tal-argumenti li tressqu mir-rikorrent fir-Rikors *de quo*. F'dan ir-rigward jiġi nnutat li minkejja dak li ddeċidiet l-Qorti fil-provvediment imsemmi, lanqas din id-darba ma seħħ lir-rikorrent li jipprova l-argument tiegħu *stante* li ma tressqu l-ebda provi fuq dan

il-punt. Il-Qorti żżomm ferm dak li diġa' ġie deċiż minnha f'dan ir-rigward fil-provvediment imsemmi.

Illi konsegwentement sa fejn it-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* hija msejsa fuq dawn iż-żewġ kawżali, din ser tiġi miċħuda stante li l-argumenti mressqa ma ġewx ippruvati.

Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli):

Illi sabiex talba għal revoka ta' mandat tiġi ġustifikata taħt din il-kawżali, ir-rikorrent irid jipprova li minn meta ġie milqugħ il-mandat inbidlet xi ċirkostanza u li minħabba din il-bidla ma jkunx raġonevoli li dan il-mandat jibqa' fis-seħħ.

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1255/2012 fl-ismijiet C & F Building Contractors Limited (C 15308) vs. Alfred Baldacchino Limited (C 10418)** (Numru 945/2012) fejn il-Qorti diversament preseduta spjegat is-segwenti:

> "Din id-dispożizzjoni timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat issa m'għadux il-każ."

Illi fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent naqas milli jindika fir-Rikors tiegħu x'kienet il-bidla fiċ-ċirkostanzi li minħabba fiha huwa mistħoqq li l-mandat jiġi revokat b'dan illi l-Qorti tinnota li lanqas iċ-Ċedoli ta' Depożitu għal fidi ta' ċens imsemmija aktar 'il fuq ma jikkwalifikaw bħala bidla fiċ-ċirkostanzi.

Illi għalhekk il-Qorti ssib li lanqas din il-kawżali hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur ma hija mistħoqqa u konsegwentement ser tiġi miċħuda wkoll.

**<u>Impożizzjoni ta' Penali</u>**

Illi r-rikorrenti jisħaq hekk: *"Illi tant mhuwiex raġonevoli u/jew ġustifikabbli li s-sekwestru kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, li jissussistu wkoll diversi ċirkostanzi aggravanti li abbażi tagħhom din il-Qorti tista' timponi penali fuq is-sekwestrant".*

Illi tajjeb li jiġi mfakkar li l-imposizzjoni ta' penali hija mezz fakoltattiv li l-liġi tagħti lill-Qorti sabiex tikkastiga lil min jabbuża mir-rimedji li jiġu mogħtija mill-istess liġi. Il-Qorti ma tantx għandha wisq aktar xi tgħid fuq din il-kawżali għajr illi minħabba li ser tiċħad il-kawżali l-oħra ma tarax li hemm lok għal impożizzjoni ta' penali u konsegwentement anke din it-talba ser tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent eżekutat is-sekwestrat John Grech hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrent eżekutat John Grech.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**